BirdLife
MALTA

# Tajra tal-priża rari ħafna osservata waqt il-passa

## L-ewwel rekord tal-Isparvier tal-Lvant f'Malta

Waqt li fl-aħħar jiem kienet qed issir l-osservazzjoni tal-għasafar tal-priża waqt il-passa, fil-Buskett kienet osservata tajra tal-priża rari ħafna għal Malta hekk kif tard waranofsinhar nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 deher **Sparvier tal-Lvant** (Levant Sparrowhawk, *Accipiter brevipes*).

Dan huwa l-ewwel rekord ta' din l-ispeċi fil-Gżejjer Maltin. Hemm numru ta' rekords oħra tal-Isparvier tal-Lvant f'kollezzjonijiet ta' għasafar ibbalzmati li jinsabu għand kaċċaturi madwar Malta u Għawdex, imma probabbilment dawn oriġinaw minn kaċċa fil-Lvant tal-Ewropa u ġew impurtati f'Malta.

L-għasfur, li huwa ferħ, kien osservat u tteħdulu ritratti mill-qrib, inkluż tal-fattizzi kollha ta' din l-ispeċi li wasslu biex jiġi identifikat b'mod pożittiv bħala ferħ mara ta' Sparvier tal-Lvant. It-tajra tal-priża kienet osservata minn ornitologi ta' esperjenza u esperti tal-għasafar fi ħdan BirdLife Malta li kull sena jistudjaw il-passa tal-għasafar tal-priża fil-ħarifa fuq il-Buskett. Is-sorveljanza tal-passa tal-ħarifa fil-Buskett ilha ssir għal dawn l-aħħar 50 sena fuq bażi annwali mill-ornitologi u *birdwatchers* ta' BirdLife Malta.

L-Isparvier tal-Lvant hu għasfur tal-priża żgħir li jagħmel il-bejta fis-siġar, bil-mara ikbar mir-raġel fid-daqs. Iz-zona fejn dan l-għasfur ibejjet hi mifruxa madwar ix-Xlokk tal-Ewropa, mill-Balkani sal-kosta tal-Punent tal-Baħar l-Iswed, il-Moldova, l-Ukrajna u r-Russja lejn in-naħa ta' fuq tal-Baħar l-Iswed sal-Majjistral tal-Każakistan. Fiċ-ċentru tal-Ewropa hu rari ħafna u jeżistu biss ftit rekords aċċidentali ta' dan. Dan l-għasfur iqatta' x-xitwa fl-Afrika. Tajr ieħor tal-priża li kien osservat nhar it-Tlieta kien jinkludi Kuċċard (Honey Buzzards), Bagħdan Aħmar (Marsh Harriers), Sparvieri (Eurasian Sparrowhawks), Isqra tal-Ħannieqa (Hobbies), Seqer ta' Denbu (Merlin), Spanjuletti (Common Kestrels) u Spanjuletti Sekondi (Lesser Kestrels).

Jista' jkun li kien ir-riħ qawwi mill-Grigal li għamel dakinhar li wassal biex dan l-

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

għasfur rari spiċċa jiġi Malta minflok qabad ir-rotta normali tal-passa tiegħu lejn il-Lvant.

## TMIEM

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Dettalji dwar l-ispeċi minn BirdLife International
http://www.birdlife.org/datazone/speciesfactsheet.php?id=3427

**Ritratti:**
L-Isparvier tal-Lvant li kien osservat fil-Buskett nhar it-Tlieta (Ritratt ta’ Ray Galea)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna